MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 14/2006

**Saviour Mifsud**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Lulju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-7 ta' Marzu 2006 li biha cahad it-talba ghall-assistenza ghall-qaghad peress li ma kienx sodisfatt li Mifsud kien jghix fl-indirizz indikat minnu, u l-appell tal-legali tieghu tal-21 ta' Marzu 2006.

Sema' lill-inspector li investiga l-kaz u acceda fuq l-indirizz in kwistjoni, wara li dan ipprezenta r-rapport li ghamlu u wiegeb ghad-domandi li sarulu. Peress li l-appellant

spjega li n-numru tal-fond tieghu ma kienx jaqbel ma dak li gie spezzjonat, fuq suggeriment ta’ l-Arbitru l-Inspectors qablu li jmorru flimkien ma’ l-appellant dak il-hin stess fl-indirizz tieghu u hekk sar.

Fl-ahhar seduta instemghu l-Inspector li esebixxa wkoll xi ritratti li ttiehdu ta’ l-intern tal-garage u nqara wkoll it-tieni rapport taghhom; instema’ l-appellant stess, u meta gie mistoqsi stqarr li fil-garage li suppost kien jghix ma kellux toilet.

Mir-rizultanzi u mid-dokumenti quddiemu l-Arbitru jifhem li d-decizjoni tad-Direttur kienet gustifikata u ghalhekk dan l-appell qed jigi michud.”

Ir-rikorrenti Saviour Mifsud jikkontesta din is-sentenza ta’ l-Arbitru bl-aggravju ta’ fatt dwar id-dizokkupazzjoni, l-qaghda medika tieghu u dawk ic-cirkostanzi relattivi ghall-fond fejn hu allegatament jghid li jabita;

Brevement, il-fatti li wasslu lid-Direttur biex jissospendi ghal kollox il-beneficcju ghall-Qghad percepit mill-appellanti kienu dawn:-

(1) Mill-investigazzjoni kondotta fit-2 ta’ Marzu 2006 mill-Ispettorat fi hdan id-Dipartiment irrizulta li l-appellanti ma kienx qed jirrisjedi fil-fond minnu indikat;

(2) Billi qamet kwestjoni dwar ri-enumerar tal-fond, l-Arbitru ordna li ssir spezzjoni ohra, u din saret fil-31 ta’ Mejju 2006. Minnha rrizulta illi fil-fond, konsistenti minn *garage*, kien hemm muturi, *foldable bed*, xi *T-shirs* u *jeans*, u *fridge* li rrizulta li kienet vojta. Gie konstatat ukoll illi fl-istess *garage* ma kienx hemm facilitajiet sanitarji. Dwar dan l-appellanti jiggustifika ruhu fil-korp tar-rikors tieghu billi jsostni illi ghal htigijiet tal-bzonijiet tieghu jinqeda permezz ta’ *gulley* jew billi jirrikorri fil-fond ta’ abitazzjoni ta’ hutu li joqghodu fil-vicinanzi;

Fuq il-kwadru tal-fatti emergenti minn din l-ahhar ispezzjoni, l-Arbitru sab fil-prudenzjali konvinciment tieghu illi d-decizjoni tad-Direttur appellat li jwaqqaf l-ghajnuna kienet dik gusta u li, allura, l-aggravju ta’ l-appellant quddiemu ma kienx attendibbli u gustifikativ u kellu ghalhekk jigi skartat;

Hi l-fehma tal-Qorti fuq il-valutazzoni taghha tal-provi illi, fil-kumpless, id-decizjoni ta’ l-Arbitru ma kienetx censurabbli. L-appellanti ma jistax jippretendi li saret evalwazzjoni errata tar-rizultanzi billi jirrikorri ghac-cirkostanzi tas-sitwazzjoni medika tieghu u ta’ l-istat ekonomiku tieghu ghall-fatt tad-dizokuppazzjoni. Dan ghaliex l-inkapacita` ghax-xoghol minhabba mard u l-qaghda ekonomika peggjorata, anke jekk rekwiziti essenzjali ghall-intitolar ghall-ghajnuna socjali, ma jidherx li huma wehidhom sufficjenti biex jiggustifikaw ukoll illi l-beneficjarju huwa “kap tal-familja” kif din l-espressjoni hi definita fl-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

L-Att imsemmi jponi certi normi generali in tema ta’ assistenza socjali ghat-tutela ta’ min hu hekk intitolat ghall-beneficcju. *Inter alia*, hu aspettat illi r-rapport previdenzjali interkorrenti bejn il-beneficjarju tal-ghajnuna u l-Istat ikun artikolat f’ rapport ta’ fiducja. Hu mistenni allura illi t-taghrif moghti mill-persuna intitolata jkun jikkorrispondi ghall-veru fid-dettal kollu tieghu. Differentement, meta, bhal f’ dan il-kaz, jirrizulta li tkun inghatat informazzjoni skorretta ntiza bl-iskop li tigi soppressa jew alterata l-verita`, il-beneficjarju ma jistax jippretendi li l-Istat jissokta jipprestalu dik il-fiducja li tkun inghatatlu fil-bidu, u allura wkoll it-tutela akkordata mil-ligi. Ma jistax jigi konsentit u tollerat li wiehed jithalla jaggira l-precett tal-ligi bl-impjieg ta’ skemi determinati li joholqu l-apparenza tal-veru jew ghar-realizzar ta’ l-iskop tieghu. Dan kemm ghaliex l-illecitu qatt ma jsta’ jigi kondonat u, fundamentalment, fil-kazijiet prevvisti taht l-Att in ezami, hadd ma ghandu jithalla japprofitta ruhu, meta mhux misthoqq, minn fondi tal-kollettivita`;

Fil-kaz prezenti, fuq l-accertamenti li saru miz-zewg ispezzjonijiet, din il-Qorti ssib, bhall-Arbitru qabilha, illi l-appellanti ma ghandux ikompli jipprevalixxi ruhu minn normattiva li tipprevedi d-dritt ghall-ghajnuna socjali ghall-Qghad u allura, in bazi ghal din il-konkluzjoni taghha, l-appell tieghu ser jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu, fic-cirkostanzi, bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------